# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, l-Gimgha, 6 ta' Ottubru, 2023

**Kawza Nru: 9**

**Rikors Nru: 44/2023 ISB**

**Absolute Holding Limited (C-55534)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' **Absolute Holding Limied** (C-55534) tal-15 ta' Gunju 2023 u li permezz tieghu, talbet lill-Qorti sabiex:

> *prevja għal kull dikjarazzjoni, digriet jew ordni ieħor li jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, ir-Rikorrenti titlob b'rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiffissa jum, ħin u post għal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija EM@NEY P.L.C.(C-55558) għall-votazzjoni tar-riżoluzzjonijiet mehmuża ma' dan ir-rikors u immarkati bħala "***Dokument AHL4***" kemm jistà jkun malajr u fl-ebda każ aktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, skont l-Artikolu 132(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Bl-ispejjeż.*

U dan wara illi ppremettiet is-segwenti:

*1. Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 132(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta (l-"**Att dwar il-Kumpaniji**").*

*2. Illi Absolute Holding Limited (C-55534) (ir-"**Rikorrenti**") hija l-azzjonista ta' 300,000 sehem ordinarju f'EM@NEY P.L.C. (C-55558) (il-"**Kumpanija**"). L-unika azzjonist ieħor fil-Kumpanija huwa Tyke Holding Limited (C-55533) (l-"**Azzjonist l-Ieħor**") li għandu 100,000 sehem ordinarju fil-Kumpanija.*

*Il-Memorandum and Articles of Association tal-Kumpanija (l-"**iStatut**") huwa mehmuż u immarkat bħala "**Dokument AHL1**" kif ukoll dettalji dwar il-Kumpanija skont il-portal tal-Malta Business Registry mehmuża u immarkati bħala "**Dokument AHL2**".*

*3. Illi l-bord tad-diretturi (il-"**Bord**") tal-Kumpanija huwa kompost minn żewġ diretturi, li huma, Germano Arno (detentur tal-Karta tal-Identità Taljana Numru AX4971412), u Giuseppe Pappolla (detentur tal-Karta tal-Identità Taljana Numru YB2405385). Is-Sur Arno huwa s-sid benefiċjarju aħħari u d-direttur waħdieni tal-Azzjonist l-Ieħor tal-Kumpanija.*

*4. Illi l-Kumpanija hija liċenzjata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (l-"**MFSA**") bħala istituzzjoni finanzjarja biex inter alia toħroġ flus elettroniċi ai termini l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta (dettalji tal-liċenzja huma mehmuża u immarkata bħala "**Dokument AHL3**").*

*5. Illi l-MFSA għamlet on-site inspection tal-Kumpanija f'Mejju 2021 u ikkomunikat ir-riżultanzi tagħha lill-Bord tal-Kumpanija. Il-Bord naqas milli jindirizza dawn ir-riżultanzi.*

*6. Illi r-Rikorrenti ma kinitx taf u ma kinitx infurmata dwar l-onsite inspection mill-MFSA u lanqas bir-riżultanzi tagħha.*

*7. Illi apparti dan kollu, bi ksur tal-obbligi legali tagħha, il-Kumpanija naqset milli taħtar awditur biex jibqà fil-kariga sat-tmiem tal-laqgħa ġenerali li jmiss li fiha jkunu ippreżentati l-kontijiet annwali.*

*8. Illi fid-19 t'April 2023, ir-Rikorrenti formalment talbet lill-Bord tal-Kumpanija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "**First Requisition**" mehmuża*

*u immarkata bħala "**Dokument AHL4**") ai termini tal-Artikolu 129(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-Artikolu 36 tal-Artikoli t'Assoċjazzjoni tal-Kumpanija biex issir laqgħa ġenerali straordinarja (il-"**Laqgħa Ġenerali Straordinarja**") tal-Kumpanija biex tiġi diskussa inter alia l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji kif mitluba mill-MFSA u l-istruttura ta' governanza korporattiva tal-Kumpanija, partikolarment il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Kumpanija.*

*9. Illi l-Bord tal-Kumpanija irċieva u wieġeb għall-First Requisition fil-5 ta' Mejju 2023 (l-"**Ewwel Risposta tal-Bord**" mehmuża u immarkata bħala "**Dokument AHL5**")[1] billi sejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja għad-29 ta' Marzu **2024—11-il xahar wara**(!)*

*10. Illi l-Bord tal-Kumpanija sempliċement ma iġġustifikax jew issostanzja d-deċiżjoni tiegħu li jippostponi l-laqgħa sa tmiem l-ewwel trimestru tas-sena 2024.*

*11. Illi r-Rikorrenti formalment talab lill-Bord tal-Kumpanija għat-tieni darba biex isseħħ il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja mill-aktar fiss possibbli u mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2023 ("**Second Requisition**" mehmuża u immarkata bħala "**Dokument AHL6**").*

*12. Illi fir-risposta tiegħu datata 28 ta' Mejju 2023 (mehmuża u immarkata bħala "**Dokument AHL7**"), il-Bord tal-Kumpanija tenna li l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja mitluba mir-Rikorrenti kienet skedata għad-29 ta' Marzu 2024 "considering that there exists no legal basis for a second convocation".*

*13. Illi l-Artikolu 129(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji jobbliga lid-diretturi jsejħu laqgħa fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data tad-depożitu tat-talba. Il-Bord tal-Kumpanija ikkonforma ma' dan, u meta għamel hekk, ippropona li l-laqgħa ssir fi żmien ħdax-il xahar: fis-sena ta' wara.*

*14. Illi billi sejjaħ il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja fl-ewwel kwart ta' 2024, il-Bord tal-Kumpanija: (i) fl-ewwel lok, żamm lill-Rikorrent milli jirrikorri għad-dritt ta' membru li jsejjaħ laqgħa "in the same manner, as nearly as possible, as that in which meetings are to be convened by the directors"; u*

---

[1] Id-dokument mehmuż mar-rikors u immarkat bħala "**Dokument AHL4**" huwa verżjoni redatta tal-Ewwel Risposta tal-Bord għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità u sabiex ma jsirx żvelar ta' informazzjoni sensittiva dwar il-Kumpanija.

*(ii) fit-tieni lok, ċaħħad ir-rimedju tar-Rikorrent mill-utilità u l-effett maħsub bil-liġi u fl-iStatut tal-Kumpanija miftiehem mill-partijiet kollha.*

*L-imġieba tal-Bord tal-Kumpanija fl-umli fehma tar-Rikorrenti turi għarfien, u xewqa li jabbuża mil-liġi.*

*15. Illi huwa fl-interess tal-Kumpanija li ssir il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja kemm jistà jkun malajr biex jiġi żgurat li l-konformità regolatorja mal-istruzzjonijiet tal-MFSA tiġi irrestawrata u r-riżultanzi tal-istess jiġu indirizzata mill-aktar fiss.*

*16. Illi l-Bord tal-Kumpanija m'għandux il-fiduċja tar-Rikorrenti peress li d-diretturi naqsu fl-eżerċizzju tad-dmirijiet legali tagħhom. Fost oħrajn, it-tattiċi tal-Bord tal-Kumpanija jmorru kontra l-obbligi fiduċjarji tagħhom taħt l-Artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-obbligu ġenerali tagħhom li jaġixxu bl-akbar bona fede (uberrimae fidei).*

*Huwa evidenti ħafna li l-Bord tal-Kumpanija qed juża biss dawn it-tattiċi biex iżomm postu fil-Bord tal-Kumpanija.*

*17. Illi, minħabba l-abbuż sfaċċat tal-liġi u l-ksur tad-dmirijiet tad-diretturi kif muri iktar 'il fuq, ir-Rikorrenti tixtieq tagħmel użu mid-dritt mogħti lilha skont l-Artikolu 132(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji.*

*18. Illi r-Rikorrenti għandha idejha marbuta u ġiet imġiegħla mill-Bord tal-Kumpanija biex tfittex, bħala last resort, l-intervent eċċezzjonali u urġenti ta' din l-Onorabbli Qorti biex issejjaħ il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja f'data mill-aktar viċin.*

*19. Illi l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti huwa meħtieġ għaliex is-sejħa tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja hija dritt tar-Rikorrenti u li għandha l-għan li, l-ewwel nett, jitneħħew id-diretturi attwali, li ikkaġunaw ħsara lill-aħjar interessi tal-Kumpanija, u, it-tieni nett, li jiġu indirizzati r-riżultanzi tal-MFSA.*

*20. Illi, fl-opinjoni tar-Rikorrenti, l-imġieba tal-Bord tal-Kumpannija hija bi ksur ta' dispożizzjonijiet oħra fil-liġi, b'mod partikolari, tal-Att dwar il-Kumpaniji, u f'dan l-istadju, hija tirriżerva kull dritt kontra l-Kumpanija, l-Azzjonist l-Ieħor u l-Bord tal-Kumpanija.*

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-Rikors promotur;

Rat id-Digriet taghha tas-16 ta' Gunju 2023 fejn kienet ordnata n-notifika lil Tyke Holding Limited b'terminu ghar-risposta u minn fejn jirrizulta ukoll illi r-rikors thalla ghas-smigh tas-26 ta' Gunju 2023;

Rat ir-Rikors tas-socjeta' rikorrenti tal-15 ta' Gunju 2023 u d-Digriet relattiv ghalih tas-16 ta' Gunju 2023;

Rat ir-**Riposta ta' Tyke Holding Limited** (C55333) tas-27 ta' Gunju 2023 (fol 48) u li permezz taghha intqal hekk:

> *1. L-esponenti tirrileva li sabiex tkun f'posizzjoni li tindirizza tajjeb jekk ir-rikors (hawn taħt "ir-Rikors") tar-rikorrenti (hawn taħt "ir-Rikorrenti") jissodisfax l-elementi rikjesti mill-artikolu 132(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta (hawn taħt "l-Att"), jeħtieġ li tiċċara u tikkoreġi ċertu stqarrijiet kontenuti fl-istess rikors, li huma jew skorretti jew mhux kompluti.*
>
> *2. L-esponenti taqbel ma' l-istqarrijiet magħmula f'paragrafi 1 sa 4 tar-Rikors.*
>
> *3. L-esponenti pero' ma taqbilx mal-istqarrijiet magħmula f'paragrafi 5 u 6 tar-Rikors.*
>
> *4. Fl-ewwel lok ma' saret l-ebda on-site inspection tal-kumpannija EM@NEY p.l.c. (hawn taħt "il-Kumpannija") fl-2021. L-ispezzjoni u awditjar tal-Kumpannija da parti tal-MFSA saret fl-2019 u l-azzjonijisti ġew infurmati b'dan.*
>
> *5. Fit-tieni lok m'huwiex korrett li jingħad li l-Bord tal-Kumpannija naqas milli jindirizza r-riżultanzi kkomunikati lilu mill-MFSA.*
>
> *6. Jingħad qabel xejn li l-MFSA għadha ma kkomunikat l-ebda risposta lill-Kumpannija fir-rigward tal-ispezzjoni li saret. Dan juri (anke kif ser jiġi espost aktar 'il quddiem f'din ir-risposta) kemm ir-Rikorrenti ma tafx u ma għandha l-ebda idea kif jimxu l-affarijiet u qatt ma ħadet interess minimu fil-Kumpannija u li tinforma ruħha dwar verament x'kien qed jiġri fil-Kumpannija – dan minkejja li dejjem ġiet infurmata b'dan li kien qed jiġri. Ġjaladarba qatt ma ġiet komunikata l-ebda risposta mill-MFSA, allura l-esponenti u/jew il-Kumpannija u/jew il-Bord tad-Diretturi tagħha ma setgħux jikkonumikaw tali risposta stante li ineżistenti! Inoltri jiġi osservat li tant ir-Rikorrenti kienet infurmata b'kollox li, fil-kuntest tar-rikjesti li saru mill-MFSA f'dan il-proċess rimedjattiv għall-evalwazzjoni ulterjuri da parti tagħha, ir-Rikorrenti ġiet mistiedna mill-Kumpannija sabiex tappunta żewġ diretturi eżekuttivi fl-1 ta' Frar 2023, liema kommunikazzjoni hija hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. THL1****.*

*7. Fil-kuntest ta' entitajiet liċenzjati, bħalma hija l-Kumpannija, huwa normali li jsiru compliance reviews u regulatory remediation plans mill-MFSA. Wara li l-MFSA ikkomunikat ir-riżultanzi tagħha, il-Bord tal-Kumpannija mill-ewwel ħa l-azzjoni meħtieġa u r-rekwiżiti kollha li ġew kommunikati lilu ġew riżolti f'qasir żmien. Dan jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok. THL2*** *konsistenti minn sinteżi tal-proċess relattiv u l-azzjoni meħuda fir-rigward ta' kull rekwiżit bl-istatus tal-istess, flimkien ma' kommunikazzjoni skambjata mal-MFSA hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. THL3****. Jiġi rilevat ukoll li dan kollu ġie kkomunikat ma' u preżentat lill-MFSA u kif ukoll lill-azzjonijisti tal-Kumpannija wara li ġiet konvokata laqgħa ġenerali straordinarja ('EGM') tal-Kumpannija. F'dan il-kuntest, l-esponenti tissottometti li l-Kumpannija fil-preżent ma hija milquta minn l-ebda problema ta' governanza, kemm fir-rigward tal-MFSA u kif ukoll fir-rigward ta' entitajiet jew awtoritajiet regolatorji oħrajn, bħalma hija per eżempju l-FIAU li saħansitra tat-ċertifikat b'saħħtu lill-Kumpannija (b'riżerva li jiġi ppreżentat d-dokument relattiv maħruġ mill-FIAU fil-kors tas-smiegħ ta' dan ir-rikors, stante li tali dokument huwa kunfidenzjali u sensittiv u allura ikun jista' jiġi ppreżentat biss b'mod kunfidenzjali u ma jkunx disponibbli pubblikament in atti).*

*8. Id-dikjarazzjoni kontenuta f'paragrafu 7 tar-Rikors hija skorretta u kif ukoll qarrieqa. Dan għaliex ir-raġuni il-għala il-Kumpannija tinsab mingħajr awditur hija imputabbli unikament għar-Rikorrenti u huwa ferm ironiku li issa tittenta tuża' dan il-fatt in sostenn tal-allegazzjonijiet infondati tagħha. Fil-fatt kienet ir-Rikorrenti li itterminat l-ingaġġ tal-awditur tal-Kumpannija mingħajr ma ġie sostitwit b'ħaddieħor.*

*9. Għal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet kontenuti f'paragrafu 8 tar-Rikors, filwaqt li dawn huma fattwalment korretti, it-talbiet (jew tal-anqas l-intenzjonijiet warajhom jew l-animu tagħhom) kontenuti fl-istess ittra, ossija First Requisition, datata 19 t'April 2023 qiegħdin jiġu kkontestati bil-qawwa għaliex l-uniku effett tagħhom jekk tali talbiet jiġu approvati u eżegwiti huwa li l-Kumpannija titpoġġa fi stat ta' inadempjenza regolatorja u legali bil-konsegwenza li l-operat tal-Kumpannija jiġi pperikolat bil-kbir u bir-riskju serju li l-Kumpannija titneħħilha l-liċenzja tagħha u b'hekk ma tkunx tista' topera aktar.*

*10. L-esponenti taqbel mal-istqarrija kontenuta f'paragrafu 9 tar-Rikors stante li huwa fattwalment korrett li l-Bord tal-Kumpannija wieġeb għall-First Requisition fil-5 ta' Mejju 2023 billi sejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja ('EGM') tal-Kumpannija għad-29 ta' Marzu 2024, u dan sar entro wieħed u għoxrin (21) jum ai termini tal-liġi.*

*11. Pero', l-esponenti ma tistax tifhem 'il għaliex ir-Rikorrenti ppreżentat verżjoni redatta ta' tali risposta tal-Kumpannija (mehmuż mar-Rikors bħala Dokument AHL5). Permezz ta' notament (footnote) għal dan il-paragrafu 9, ir-Rikorrenti tiddikjara li qed tehmeż verżjoni redatta ta' dan id-dokument għal raġunijiet ta' kunfidenzjalita' u sabiex ma jsirx żvelar ta' informazzjoni sensittiva dwar il-Kumpannija.*

*12. Tali dikjarazzjoni hija qarrieqa u inveritjiera. Ibda b'hiex, redazzjoni ta' dokument ma ssirx bil-mod kif sar mir-Rikorrenti billi sempliċement ikkanċellat il-partijiet li riedet tneħħi mingħajr l-ebda forma ta' indikazzjoni jew annotazzjoni ta' liema partijiet ġew redatti. Ir-redazzjoni kellha ssir billi l-parti in kwestjoni tiġi kanċellata bil-kulur iswed sabiex ikun ċar għal kulħadd liema huma dawk il-partijiet redatti.*

*13. Inoltri, mhuwiex assolutament minnu li l-partijiet redatti jikkontjenu informazzjoni sensittiva dwar il-Kumpannija. Anzi, dawk il-partijiet jikkontjenu informazzjoni importanti provduta mid-diretturi tal-Kumpannija fl-ittra tagħhom sabiex tassigura u sserraħ ras l-azzjonijisti, inkluża u partikolarment ir-Rikorrenti, li l-kwestjonijiet ta' governanza li kien hemm ġew fil-fatt riżolti. L-esponenti umilment ma tistax ma tirrilevax li bir-redazzjoni li għamlet ir-Rikorrenti jidher li din trid tipprova tqarraq b'din l-Onorabbli Qorti billi tbagħbas dokument u tikkanċella partijiet minnu bl-iskuża li huma kunfidenzjali (meta mhumiex) u tagħti x'tifhem li tali partijiet mhumiex rilevanti meta effettivament huma rilevanti ferm u juru verita' differenti minn dik li qed tipprova tpinġi r-Rikorrenti.*

*14. F'dan is-sens allura, tali redazzjoni magħmulha mir-Rikorrenti f'dokument ippreżentat minnha lil dina l-Onorabbli Qorti in sostenn tat-talba tagħha, hija konċernanti ferm għaliex tikkomprometti t-trasparenza neċessarja fir-rigward tal-governanza tajba tal-Kumpannija. Inoltri, il-partijiet kanċellati (fl-umli opinjoni tal-esponenti b'mod qarrieqi) mir-Rikorrenti jinċidu bil-wisq fuq il-preżunta urġenza li r-Rikorrenti qed tisħaq tant fuqha. Dan għaliex, il-partijiet kanċellati proprju huma xhieda tal-fatt li ma teżistix l-urġenza li għandha ssostni t-talba tar-Rikorrenti f'dan ir-Rikors stante li tali partijiet juru li ma hemmx problemi ta' governanza u lanqas problemi fil-kontinwita' tal-operat tal-Kumpannija.*

*15. Id-dokument in kwestjoni, ossija r-risposta tal-Kumpannija għall-First Requisition u datata 5 ta' Mejju 2023, tinsab hawn annessa fl-intier tagħha bħala* ***Dok. THL4****.*

*16. L-esponenti ma taqbilx mal-istqarrija magħmulha mir-Rikorrenti f'paragrafu 10 tar-Rikors, u ttenni li huwa ġustifikat li l-laqgħa ('EGM') issir*

*fid-29 ta' Marzu 2024 stante li ma teżisti assolutament l-ebda urġenza sabiex il-laqgħa issir qabel, u dan ukoll wara li għadha kif saret laqgħa ġenerali annwali fit-28 ta' April 2023.*

*17. F'dan ir-rigward l-esponenti ttenni li l-effetti tar-riżoluzzjonijiet (fil-każ li jiġu approvati u eżegwiti) li r-Rikorrenti qed titlob li jiġu approvati f'tali laqgħa ġenerali straordinarja ('EGM'), ser ikunu katastrofiċi għall-Kumpannija. Dan għaliex, per eżempju, ir-Rikorrenti qed titlob it-tneħħija immedjata taż-żewġ diretturi li bħalissa jikkostitwixxu l-Bord tad-Diretturi tal-Kumpannija, mingħajr pero' ma tipproponi l-ħatra ta' l-ebda direttur ieħor minflokom fl-istess talba għas-sejħa tal-laqgħa fil-Frist Requisition tad-19 ta' April 2023 kif wieħed kien jistenna. Wieħed ma jridx jinsa l-kuntest riċenti u attwali tal-Kumpannija – ossija fejn l-MFSA għamlet ċertu rikjesti permezzi tal-hekk imsejjaħ remediation plan fejn fost l-oħrajn trid li l-Kumpannija jkollha erba' (4) diretturi li tnejn (2) minnhom ikunu diretturi non-eżekuttivi u t-tnejn (2) l-oħra jkunu diretturi eżekuttivi li ġja' ġew konfermati u approvati mill-MFSA wara li din wettqet enhanced fit and proper test u saru wkoll il-personal questionnaires relattivi. Fil-fatt, in okkażjoni ta' din ir-rikjesta da parti tal-MFSA, dawn id-diretturi kellhom l-opportunita' li jikkonfermaw mill-ġdid il-kapaċitajiet u kwalitajiet tagħhom mal-awtorita', u dan wara li mexxew eżerċizzju pożittiv ħafna għall-Kumpannija mal-awtorita' tant li ntlaqgħu tajjeb ferm għal mod kif ħadmu għall-kontinwita' fl-operat tal-Kumpannija u anke għall-għarfien tagħhom fir-rigward ta' compliance tal-Kumpannija fuq perjodu ta' iżjed minn għaxar (10) snin. Il-Kumpannnija diġa' għamlet il-proposti tagħha sabiex taderixxi ma' dak rikjest minnha u tirriżolvi l-kwestjonijiet li kien hemm (anke hawn wara li r-Rikorrenti kienet approvat, fl-1 ta' Frar 2023 ossija xahrejn qabel il-First Requisition tad-19 ta' April 2023, liż-żewġ diretturi non-eżekuttivi indikati, issa qed titlob li dawn jitneħħew minn diretturi jew li, fil-każ li għadhom mhux approvati mill-MFSA, dawn ma jibqawx jiġu kkunsidrati). Tali proposti qiegħdin fil-proċess li jiġu analizzati u proċessati mill-MFSA. Bir-rispett kollu allura, ir-riżoluzzjonijiet li qed tmexxi r-Rikorrenti ma jagħmlu l-ebda sens f'dan il-kuntest u ser jikkawżaw ħsara kbira lill-operat tal-Kumpannija u del resto lill-Kumpannija stess. Fil-fatt, ir-Rikorrenti bl-aġir irresponsabbli tagħha qed twaqqaf remediation plan li d-diretturi attwali rnexxielhom imexxu b'mod pożittiv unikament fl-interess tal-Kumpannija. Dan ipoġġi riskju serju fuq il-liċenzja tal-Kumpannija sabiex tkompli topera, li jwassal li jimblokka l-operat tal-Kumpannija u għall-impożizzjoni ta' multi ġodda talli l-Kumpannija tkun naqset milli taderixxi mar-rikjesti imposti mill-awtorita'.*

*18. Huwa evidenti għalhekk (u għal raġunijiet oħra li ser jiġu mogħtija waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors anke permezz ta' provi relatati) li r-Rikorrenti minflok tgħin qiegħdha tipprova tagħmel minn kollox biex tfixkel u tħarbat ix-xogħol tant siewi li l-Kumpannija u l-Bord tad-Diretturi tagħha*

*għamlu tul is-snin u partikolarment fl-aħħar xhur inkluż mal-awtoritajiet u entitajiet regolatorji.*

*Inoltri, huwa wkoll ironiku għall-aħħar li r-Rikorrenti qed tagħmel dan kollu meta tul is-snin li l-Kumpannija hija kostitwita u topera, r-Rikorrenti kienet dejjem totalment assenti (sleeping shareholder) u huwa ferm suspettuż u dubbjuż għaliex issa f'daqqa waħda qed issostni li teżisti din l-urġenza sabiex tiġi konvokata laqgħa ġenerali straordinarja u tgħaddi r-riżoluzzjonijiet li qed tipproponi, meta tali urġenza ma teżisti mkien u meta tali riżoluzzjonijiet ser jagħmlu biss ħsara u ser ikunu ta' tfixkil serju u fatali għall-Kumpannija u għall-operat tagħha.*

*19. Għal dak li jirrigwarda l-istqarrija kontenuta f'paragrafu 11 tar-Rikors, filwaqt li dawn huma fattwalment korretti, it-talbiet (jew tal-anqas l-intenzjonijiet warajhom jew l-animu tagħhom) kontenuti fl-istess ittra, ossija Second Requisition, datata 15 ta' Mejju 2023 qiegħdin jiġu kkontestati bil-qawwa għar-raġunijiet kollha hawn ġja esposti.*

*20. L-esponenti taqbel mal-istqarrija kontenuta f'paragrafu 12 tar-Rikors u tikkonferma u ttenni l-kontenut tar-risposta tal-Kumpannija għas-Second Requisition liema risposta hija datata 28 ta' Mejju 2023.*

*21. L-esponenti taqbel ukoll mal-istqarrija kontentua f'paragrafu 13 tar-Rikors. Il-Kumpannija mxiet diliġentement u skrupložament mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 129(3) tal-Att billi l-Bord sejjaħ il-laqgħa fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mid-data tad-depożitu tatl-talba – dan huwa dak li titlob din id-dispożizzjoni tal-liġi u l-Bord aderixxa kompletament magħha.*

*22. Iżda l-esponenti ma taqbilx mal-istqarrijiet magħmulha f'paragrafu 14 tar-Rikors billi –*

*(a) mhuwiex minnu li bis-sejħa tal-laqgħa ġenerali straordinarja f'Marzu 2024 ir-Rikorrenti ġiet b'xi mod miżmuma li tirrikorri għad-dritt tagħha ta' membru li ssejjaħ laqgħa. Tali laqgħa kellha kull dritt li titlobha, fil-fatt talbitha u l-Bord tal-Kumpannija sejjaħ il-laqgħa in linja mad-dispożizzjonijiet kollha tal-artikolu 129(3) tal-Att, li trallaltro ma jgħidx li d-diretturi jridu jsejjħu l-laqgħa "in the same manner, as nearly as possible, as taht in which meetings are to be convened by directors". Inoltri ta' min wieħed jirrileva wkoll illi r-Rikorrenti kienet talbet li tissejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja ai termini tal-artikolu 129(1) tal-Att u tal-artikolu 36 tal-Articles of Association tal-Kumpannija. Filwaqt li ġja ngħad li l-Bord aderixxa mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 129 tal-Att, in kwantu jirrigwarda l-artikolu 36 tal-Articles of Association tal-Kumpannija, dan jiddisponi li "The directors* ***may, __whenever they think fit__****, convene an extraordinary general meeting..." (u jkompli billi*

*jgħid li jista' wkoll jissejjaħ ai termini tal-artikolu 129 tal-Att, liema punt ġja ġie hawn trattat). Huwa ċar li l-Bord aderixxa wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Articles of Association tal-Kumpannija.*

*(b) mhuwiex minnu li bis-sejħa tal-laqgħa ġenerali straordinarja f'Marzu 2024 ir-Rikorrenti ċaħħdet mill-utilita' u l-effet tar-rimedju tagħha kif maħsub mil-liġi u mill-iStatut tal-Kumpannija miftiehem mill-partijiet kollha. Dan għall-istess raġunijiet appena esposti, u fost l-oħrajn, in kwantu jirrigwarda l-iStatut, appuntu kif tgħid ir-Rikorrenti, dan huwa miftiehem mill-partijiet kollha, inkluż ir-Rikorrenti.*

*23. Oltre' minn dan l-esponenti ttenni li, apparti l-ineżistenza ta' urġenza, fl-eventwalita' li tiġi konvokata laqgħa iktar viċin u r-riżoluzzjonijiet proposti mir-Rikorrenti jgħaddu, il-konsegwenzi għall-Kumpannija jkunu severi billi l-kontinwita' u l-kredibilita' tal-Kumpannija fis-suq finanzjarju Ewropew jiġu preġudikati u kompromessi b'mod drakonjan. Tali konsegwenzi jkunu avversi ferm b'impatt ħażin qawwi fuq l-istabilita' finanzjarja ta' Malta (speċjalment wara l-greylisting) u l-fiduċja tal-klijenti fil-Kumpannija iżda iktar minn hekk fil-konfront tal-istituti finanzjarji Maltin stante li l-klijenti kollha jiġu minn ħafna pajjiżi Ewropej (hawn jiġi rilevat li l-Kumpannija tamministra madwar sittin miljun ewro (€60,000,000) f'fondi għall-klijenti tagħha u allura wieħed faċilment jista' japrezza li l-effetti ta' dak li qed tipprova tagħmel ir-Rikorrenti ser ikunu tremendi, u mhux għall-Kumpannija biss). Tali konsegwenzi wkoll jġibu fix-xejn l-investimenti u sagrifiċċji kollha tal-esponenti bħala azzjonista minoritarja f'dawn l-aħħar madwar għaxar (10) snin ta' operat, li minkejja li hija azzjonista minoritarja, kienet unikament hi mill-azzjonijisti li ħadmet u stinkat fil-Kumpannija u li mexxiet 'il quddiem l-operat tagħha tant li l-Kumpannija marret tajjeb u ġġenerat profitti konsistentement fis-snin riċenti. Dan meta kuntrarjament, l-istituzzjonijiet kollha simili għall-Kumpannija anke f'Malta irreġistraw telf sistematiku (hekk per eżempju, jekk wieħed jara l-grupp Revolut, dan is-sena l-oħra biss iġġenera telf ta ' aktar minn €300,000,000 u ciononostante hija meqjusa fis-suq bħala punt ta' riferiment. F'dan it-tul ta' żmien min-naħa l-oħra r-Rikorrenti kienet rieqda, qatt ma kkoperat, qatt ma weriet l-ebda forma ta' interess fil-Kumpannija, qatt ma setgħet issir kommunikazzjoni magħha u/jew mal-beneficial owner tagħha, kuntrarjament għall-esponenti li l-beneficial owner tagħha, Germano Arno', huwa u dejjem kien involut direttament fl-operat tal-Kumpannija, anke bħala direttur tagħha, biex issa li f'daqqa waħda qamet, ir-Rikorrenti trid tneħħieh biex tissostitwieh bil-vacuum li ser iwassal inevitabbilment għat-twaqqif tal-operat tal-Kumpannija bil-konsegwenzi serji li dan ser iġib miegħu kif ġja' ngħad ampjament. Huwa evidenti li wieħed ma jistax jitrasmetti u jgħaddi lil ħaddieħor aktar minn għaxar (10) snin ta' esperjenza u għarfien (know-how) fi ftit siegħat. L-esponenti sa llum ma tistax tifhem il-għala jew għal liema*

*raġuni r-Rikorrenti, bħala azzjonista maġoritarja, qatt ma għamlet kuntatt, imqar b'kurżita', mal-azzjonijista l-oħra (hawn esponenti) biex titlob xi kjarifiki jew informazzjoni qabel ma timxi b'azzjoni hekk vjolenta' (ossija dik odjerna) mingħajr ma, bħala fatt, hija a konoxxenza tas-sitwazzjoni effettiva tat-tmexxija tal-Kumpannija. Minkejja li, permezz tal-ittra tas-7 ta' Diċembru 2022 mibgħuta lilha kif hi stess iddikjara, ir-Rikorrenti kienet ġiet infurmata bir-remediation plan li kien qed jitmexxa mal-MFSA u li miegħu hija kienet qed taqbel tant li hekk kif hija stess ikkonfermat hija approvat iż-żewġ diretturi non-eżekuttivi permezz tar-riżoluzzjoni tal-azzjonisti tal-1 ta' Frar 2023, **__issa__** għażlet li taġixxi kontra r-remediation plan bl-intenzjoni **__ovvja__** li toħloq dannu għall-Kumpannija u li twaqqafha minn kull tip ta' operat, bi ħsara inestimabbli mal-klijenti u għar-reputazzjoni tad-diretturi attwali u tas-sistema finanzjarja kollha ta' Malta. Fil-fatt, wieħed jista' faċilment jikkonkludi li b'tali aġir l-azzjonijista maġoritarja qed tmexxi azzjoni ta' vendikazzjoni mhux biss kontra d-diretturi attwali iżda wkoll kontra l-istess MFSA. Dan għaliex, wara li kkonfermat ir-remediation plan tal-Kumpannija u wara li għal snin twal kienet dejjem assenti, ir-Rikorrenti issa qed tgħid anke lill-MFSA li l-pjan approvat u miftiehem direttament mal-MFSA stess, ma huwiex pjan tajjeb jew idoneju. Dak li qed tagħmel l-azzjonijista maġoritarja rikorrenti huwa li qed tipprova tirrovina r-reputazzjoni tal-Kumpannija mall-istess awtorita' li tirregolaha, ma' kull min huwa involut, u agħar minn hekk anke tad-diretturi attwali.*

*24. Fir-rigward tal-istqarrija kontenuta f'paragrafu 15 tar-Rikors, l-esponenti terġa' ttenni n-nuqqas ta' urġenza li ssir il-laqgħa straordinarja u tissottometti li l-Kumpannija ġja' indirizzat ir-riżultanzi kkomunikati mill-MFSA u żgurat kemm lill-azzjonisti u kif ukoll lill-istess MFSA il-konformita' regolatorja mal-istruzzjonijiet tal-MFSA, tant li f'dan l-istadju l-MFSA qed tmexxi l-proċess min-naħa tagħha sabiex tikkonferma l-azzjonijiet u proposti tal-Kumpanniji, liema proċess jieħu u jirrikjedi ċertu tul ta' żmien sabiex jiġi konkluż. Effettivament, din hija raġuni oħra għaliex ma hemm l-ebda urġenza u mhuwiex opportun li l-laqgħa tiġi konvokata aktar kmieni minn Marzu 2024.*

*25. Id-dikjarazzjonijiet kontenuti f'paragrafu 16 tar-Rikors huma mhux biss inveritieri u skorretti iżda spurji, frivoli, vessatorji u qarrieqa bl-aktar mod serju. Fis-sottomissjonijiet preċedenti tagħha hawn esposti, l-esponenti uriet biċ-ċar li l-Bord tal-Kumpannija ħa l-azzjoni kollha neċessarja f'qasir żmien u kkoperat u żammet kuntatt kontinwu mal-MFSA sabiex jiġu indirizzati l-kwestjonijiet kollha li qamu. Anzi, kienet u hija r-Rikorrenti li qed tipprova tfixkel ix-xogħol kollu li sar sa issa. Inoltri, dak kollu li kien qed u li qiegħed isir ġie kkomunikat dettaljatament lill-azzjonisti, inkluża r-Rikorrenti. Fi kwalunkwe każ l-allegazzjonijiet tagħha inkluż li d-diretturi tal-Kumpannija naqsu milli jaġixxu bl-akbar bona fede trid tiġi ppruvata mir-Rikorrenti, jew*

*altrimenti għandha tirtiraha minnufih, kif fil-fatt għandha tagħmel. Wieħed jistaqsi, kif tista' tiddikjara li d-diretturi mhumiex jaġixxu fl-interess tal-Kumpannija jew tal-azzjonista maġoritarju, meta direttur minnhom għandu kwart mill-proprjeta' tal-Kumpannija u huwa preżenti assidwament b'riżultati tajbin ferm għal aktar minn għaxar (10) snin?*

*26. Inoltri, altru milli l-Bord qed juża' tattiċi sabiex iżomm postu fil-Kumpannija, stante l-azzjonijiet kollha li ħa l-istess Bord u wkoll stante li kif ingħad ukoll jekk isir dak li trid ir-Rikorrenti u jitneħħa l-Bord, ma hemmx Bord ieħor lest li jidħol minfloku u jkompli bil-ħidma li qed issir, bil-konsegwenzi tremendi li dan iġib miegħu kif ġja' espost.*

*27. L-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet u allegazzjonijiet kontenuti fil-paragrafi numru 17 sa 20 huma totalment respinti billi huma inveritieri, frivoli, vessatorji u qarrieqa, apparti li legalment skorretti u infondati. Biss biss, ir-Rikorrenti qatt ma ħadet interess u qatt ma talbet xejn lill-Kumpannija u lanqas lill-membru l-iehor tal-Bord.*

*28. Fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' abbuż sfaċċat tal-liġi, ksur tad-dmirijiet tad-diretturi, ksur tal-liġi, ir-raġunijiet għat-tneħħija tad-diretturi attwali u li jiġu indirizzati r-riżultanzi tal-MFSA, l-esponenti ġja' indirizzat tali allegazzjonijiet ampjament f'din ir-risposta u terġa' ttenni l-istess sottomissjonijiet hawn qabel esposti.*

*29. F'dan l-istadju, tenut kont tas-sottomissjonijiet kollha hawn qabel esposti u filwaqt li tirriżerva li tressaq provi u tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan ir-rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti umilment issostni li din il-proċedura intavolata mir-Rikorrenti ai termini tal-artikolu 132(1) tal-Att ma tistax u ma għandhiex tintlaqa' għar-raġunijiet segwenti:*

*(i) it-talbiet kontenuti fir-Rikors tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li ma jirrikorrux l-elementi tal-azzjoni kif rikjest mill-artikolu 132(1) tal-Att;*

*(ii) l-artikolu 132(1) huwa applikabbli <u>biss</u> jekk għal xi raġuni* ***ma jkunx prattikabbli*** *li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija (per eżempju fil-każ ta' mewt ta' wieħed mill-azzjonisti);*

*(iii) kif ampjament muri f'din ir-risposta, f'dan il-każ il-laqgħa ġiet imsejjħa u ġjaladarba ġiet imsejjħa huwa impossibbli li jingħad li mhux prattikabbli li tissejjaħ laqgħa kif irid l-artikolu de quo;*

*(iv) inoltri, il-laqgħa tal-Kumpannija ssejjħet regolarment ai termini u in aderenza tad-dispożizzjonijiet kemm tal-Att u kif ukoll tal-iStatut tal-Kumpannija. B'hekk ukoll huwa impossibbli li jingħad li mhux prattikabbli li tissejjaż laqgħa bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpannija għaliex proprju hekk sar;*

*(v) il-Kumpannija, id-diretturi tagħha u l-azzjonista l-oħra hawn esponenti bl-ebda mod ma fixklu jew ostakolaw lir-Rikorrenti bħala azzjonista li tissejjaħ laqgħa, u anzi dawn aderew mar-rikjesta tar-Rikorrenti;*

*(vi) l-artikolu 129(3) tal-Att ma jimponi l-ebda limitu ta' żmien li fih il-laqgħa konvokata mid-diretturi trid issir. Fil-każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li tbiddel, timmodifika jew tordna data li hija differenti minn dik preskritta mid-diretturi – kif trid ir-Rikorrenti – bir-rispett kollu dan ikun ifisser li r-Rikorrenti trid li tinkiser il-liġi jew li jingħataw ordnijiet li mhumiex kontemplati mil-liġi jew li tingħata interpretazzjoni tal-liġi li mhix konformi mal-intenzjoni tal-leġislatur;*

*(vii) huwa risaput, kif ser jiġi wkoll muri fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan ir-rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti, li l-artikolu de quo mhux maħsub li jiġi applikat f'ċirkostanzi bħalma huma dawk tal-każ odjern. L-artikolu 132(1) tal-Att u r-rimedju li huwa joffri, huwa maħsub sabiex wieħed jirrikorri għalih f'ċirkostanzi estremi ta' imprattikabbilita' reali li tissejjaħ laqgħa li jikkostitwixxu sitwazzjonijiet speċifiċi u partikolari ferm fejn l-intervent tal-Qorti ikun verament indispensabbli għaliex mingħajr tali intervent il-laqgħa ma tkunx tista' ssir.*

*Għaldaqsant, għar-raġunijiet fuq esposti, l-esponenti tissottometti bir-rispett li t-talbiet imressqa mir-Rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess Rikorrenti, u minn issa l-esponenti tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha fil-konront tar-Rikorrenti.*

Rat id-dokumenti annessi mal-istess risposta;

Rat ir-**Risposta ta' EM@NEY p.l.c** pprezentata fit-28 ta' Gunju 2023 (fol 86) fejn intqal hekk:

*1. Illi qabel xejn, jeħtieġ jintqal illi Absolute Holdings Limited kienet dejjem sleeping shareholder fis-soċjetà Em@ney plc. Ir-Rikorrenti ma ħadet l-ebda interess fit-tmexxija tal-kumpannija esponenti għal diversi snin.*

*2. Illi l-ispezzjoni u awditjar ta' Em@ney plc mill-Malta Financial Services Authority saru fl-2019, mhux fl-2021 kif erronejament indikat minn Absolute Holdings Limited. L-azzjonisti ġew debitament infurmati dwar dan. Minkejja li ġew hekk infurmati, ir-Rikorrenti ma ħadet l-ebda interess.*

*3. Illi mhux minnu li l-Bord ta' Em@ney plc naqas li jindirizza r-riżultanzi komunikati lilu mill-MFSA.*

*4. Illi l-esponenti tagħmel referenza għar-Risposta ppreżentata minn Tyke Holding Limited (C-55533) fejn ġew esposti d-dettalji kollha rigward compliance reviews u regulatory remediation plans kif ukoll rigward kull azzjoni meħuda minn Em@ney plc.*

*5. Illi fil-preżent, Em@ney plc ma ji milquta minn l-ebda problema ta' governanza, u dan mhux fir-rigward tal-MFSA biss iżda wkoll fir-rigward ta' l-FIAU, li għadha kif irrilaxxjat ċertifikat b'saħħtu lil Em@ney plc.*

*6. Illi kienet ir-Rikorrenti li tterminat l-ingaġġ tal-awditur ta' Em@ney plx mingħajr ma ħadet azzjoni biex tissostitwih b'awditur ieħor. Kien jagħmel sens pass bħal dan?*

*7. Illi insaġġjament, dak li qed jintalab mir-Rikorrenti u l-animu li qed jispira lir-Rikorrenti jista' jpoġġi lil Em@ney pls f'perikolu serju, kemm minħabba theddida ta' inadempjenza regolatorja, kif ukoll minħabba li tista' saħansitra tittehdilha l-liċenzja mill-MFSA u jkollha tieqaf topera. Dak li trid ir-Rikorrent?*

*8. Il-laqgħa ġenerali straordinarja ġiet regolarment imsejħa għad-29 ta' Marzu 2024, u dan sar entro t-terminu ta' 21 jum stipultat fil-liġi.*

*9. Dwar il-kwistjoni tat-tbagħbis ta' dokument (Dok. AHL5), l-esponenti tagħmel referenza b'approvazzjoni għal dak li ġie espost fid-dettal fir-Risposta ppreżentaha minn Tyke Holding Limited.*

*10. Illu huwa evidenti illi r-Rikorrenti trid tikkawża xkiel u ħsara fl-operat ta' Em@ney u qed tagħmel minn kollox biex tfixkel lill-Bord tad-Diretturi preżenti, avolja hija konxja li l-Bord preżenti għamel ħafna xogħol siewi kemm mal-MFSA kif ukoll mal-FIAU. Dan jikxef il-veri intenzjonijiet tagħha, li huma li tikkawża ħsara u taħwid fit-tmexxija ta' Em@ney plc.*

*11. Illi a skans ta' ripetizzjoni, is-soċjetà esponenti qed tagħmel tagħha wkoll dak li ġie espost fid-dettal f'paragrafu 22 tar-Risposta ppreżentata minn Tyke Holding Limited, li jagħti kwadru legali korrett.*

*12. Kif tista' r-Rikorrenti taġixxi b'dan il-mod daqstant bla kont fl-imġieba tagħha meta taf illi Em@ney plc tamministra madwar sittin miljun euro (€60,000,000.00) f'fondi tal-klijenti b'suċċess u b'diliġenza kbira?*

*13. Jekk ir-Rikorrenti ser tkompli taġixxi b'dan il-mod irresponsabbli, l-azzjonijiet tagħha jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni katastrofika għal Em@ney plx u għall-klijenti li qed taamministra flushom.*

*14. Għalhekk, minflok ma' r-Rikorrenti qed turi gratitudini għall-mod għaref, diliġenti u prudenti li bih il-Bord tad-Diretturi ta' Em@ney plc ġab*

*suċċess għall-kumpannija fi żminijiet meta bosta entitajiet oħra sofrew telf, ir-Rikorrenti trid tħarbat dak kollu li sar tajjeb u li nkiseb matul is-snin b'ħidma bla waqfien u b'ħafna sagrifiċċji, prinċipalment bl-involviment dirett ta' Germano Arno u t-team formidabbli tiegħu.*

*15. L-azzjonijiet bla kont li qed tirrikorri għalihom ir-Rikorrenti jmorru kontra s-sens komun għax l-ebda persuna raġonevoli ma tipprova ġġarraf edifizju li nbena b'għaxar snin ta' ħidma bla waqfien. Di più, ir-Rikorrenti m'għandhiex biex tissostitwixxi dak li jeżisti fil-preżent, għax in 'know-how' li għandu Germano Arno ma jeżistix fil-kamp ta' Absolute Holding Limited.*

*16. Min-naħa tas-soċjetà rikorrenti, l-ewwel ħaġa li għamlet kienet li ppruvat tikkawża dannu lil Em@ney plc u tad-Diretturi tagħha direttament mal-MFSA. Dan mhuwiex għemil ta' min għandu għal qalbu lis-soċjetà Em@ney plc iżda għemil li jirrifletti animu ta' min irid jikkaġuna ħsara lis-soċjetà esponenti.*

*17. Meta r-Rikorrenti tiġi biex tipprova li d-Diretturi naqsu li jaġixxu bl-akbar bona fede, kif għandha l-onas probandi li tagħmel, ir-Rikorrenti mhu ser jirnexxilha qatt turi li d-Diretturi naqsu. Għall-kuntrarju, id-Diretturi tas-soċjetà esponenti ħadmu bla heda u għandhom riżultati eċċellenti x'juru lill-Qorti.*

*18. Il-verita' hi li d-Direttur Germano Arno, li għandu biss 25% mill-ishma tal-kumpanija u mexxa b'mod tant diliġenti f'dawn l-10 snin ta' operat, minflok ma' qed jiġi rringrazzjat kif dovut mir-Rikorrenti għall-benefiċċju li nkiseb bil-ħidma tiegħu, issa r-Rikorrenti trid tneħħieh u tissostitwih bix-Xejn, stante li ma hemmx bord ieħor lest, jiġiefiri, approvat mill-MFSA, biex jissostitwixxi l-Bord tad-Diretturi preżenti. Dan juri li r-Rikorrenti hija ispirata minn animu li tkisser u mhux animu li ssaħħah il-kumpannija.*

*19. It-talbiet ta' Absolute Holding Limited huma bbażati fuq allegazzjonijiet folox, magħmula bla ebda dubju, mhux in bona fede.*

*20. Fl-aħħar nett, is-soċjetà esponenti tagħmel riferenza għall-paragrafu 29 tar-Risposta ta' Tyke Holding Limited u qed tagħmel tagħha r-raġunijiet hemm esposti, a skans ta' ripetizzjoni.*

*21. Ir-Rikorrenti ma tistax tgħid li m'huwiex prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpannija meta diġa' hemm laqgħa msejjħa għad-29 ta' Marzu 2024. Inoltre, l-laqgħa ġiet imsejħa konformement mal-liġi dwar il-kumpanniji kif ukoll mal-Istatut ta' Em@ney plc. Id-drittijiet tar-Rikorrenti ġew rispettati u konsegwentement ġiet imsejħa l-laqgħa ġenerali straordinarja fuq rikjesta ta' Absolute Holding Limited.*

*22. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti li hemm fl-Artikolu 129 (3) tal-Att dwar il-Kumpanniji ġew rispettati mis-soċjetà esponenti.*

*23. Iżda, it-talbiet tar-Rikorrenti m'humiex konformi ma' dak li hemm stipulat fl-Artikolu 129 (3) tal-Att, u għalhekk m'għandhomx jintlaqgħu. Ma*

*jeżistux l-estremi biex it-talbiet tar-Rikorrenti jiġu akkolti għax dan jista' jkun biss ta' dannu għas-soċjetà Em@ney plc, li għandha titħalla tkompli tikber u mhux titqiegħed f'xifer ta' kollass minħabba għemil irresponsabbli da parti ta' Absolute Holding Limited.*

*24. Għaldaqstant, bħalma għamlet Tyke Limited permezz tar-Risposta dettaljata tagħha, is-soċjetà esponenti Em@ney plc tissottometti bir-rispett illi t-talbiet imressqa mir-Rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrenti, u minn issa s-soċjetà esponenti Em@ney plc tirriżerva d-drittijiet kollha spettanti lilha skont il-liġi fil-konfront ta' Absolute Holding Limited.*

Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti tal-24 ta' Lulju 2023 (fol 99) b'numru ta' dokumenti hemmek annessi.

Semghet ix-xhiedha ta' Rosario Fiorentino, Daphne Muscat, Oriana Moltisanti u Germano Arno;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Lulju 2023 fejn kien dikjarat mid-difensuri tal-partijiet illi ma kienx hemm aktar provi x'jigu prodotti;

Semghet f'dik l-istess seduta it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha u rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi is-socjeta' rikorrenti Absolute Holding Limited intavolat dawn il-proceduri ai temrini tal-Artikolu 132(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ultejrorment:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kwistjoni tikkoncerna il-kumpannija **EM@NEY P.L.C. (C-55558)**, (min issa l-quddiem msejjha ***il-kumpannija***).

In kwantu ghall-istruttura tal-kumpannija, jirrizulta illi din il-kumpannija ghandha zewg azzjonisti, (a) Absolute Holding Limited (aktar l-isfek msejjha ***Absolute***) bi 300,000 sehem ordinarju u (b) Tyke Holding Limited (aktar l-isfel msejjha ***Tyke***) b'100,000 sehem ordinarju.

Jirrizulta ukoll illi l-bord tad-diretturi ghandu jkun kompost minn numru ta' diretturi bejn 2 u 6 u illum huwa kompost minn zewg diretturi, Giuseppe Pappolla u Germano Arno, dan ta' l-ahhar huwa s-sid beneficcjarju ahhari ta' Tyke. L-istess zewg diretturi huma ukoll ir-rapprezentanti legali tal-kumpannija.

Jirrizulta ukoll illi in segwitu ghall-oggettivi tal-kumpannija, hija otteniet licenzja mill-Awtorita' Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) sabiex topera bhala istituzzjoni finanzjarja biex tohrog flus elettronici.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi Absolute tikkontendi illi f'Mejju 2021 saret spezzjoni mill-MFSA ghand il-kumpannija u gew identifikati nuqqasijiet li gew komunikati lill-kumpannija, izda illi hi baqghet sajma mill-informazzjoni relattiva. Tikkontendi ukoll illi l-kumpannija lanqas hatret awditur sabiex jibqa' fil-kariga sall-laqgha generali li jmiss meta jigu pprezentati l-kontijiet attwali.

Absolute ssostni illi f'April 2023 hija talbet (*first requisition*) illi tinzamm Laqgha Generali Straordinarja (lgs) sabiex ikunu diskussi l-pendenzi regolatorji kif mitluba mill-MFSA u kif ukoll l-istruttura tal-kumpannija, principalment il-Bord tad-Diretturi (vide DOK AHL4 – fol 33). Issostni illi t-twegiba illi hadet (vide DOK AHL5 – fol 35) kienet fis-sens illi kienet proprosta lgs hdax il-xahar wara, f'Marzu 2024, u dan minghajr ma ggustifika jew issostnzja dan id-dewmien. Issostni illi wara dan, hija ghamlet is-*second requisition* fit-30 ta' Mejju 2024 (DOK AHL6 – fol 37) u l-kumpannija rrispondiet bl-istess mod ta' qabel.

Absolute issostni illi dan l-agir tal-kumpannija jippregudika lill-istess kumpannija u lid-diretturi l-ohra, u dan filwaqt illi Absolute tilef il-fiducja tieghu fil-bord tad-diretturi. Huwa ghalhekk illi kellha tirrikorri ghal din il-procedura.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi Tyke, minn naha taghha, tilqa' ghal dan kollu billi ssostni illi hemm certu asserzjonijiet ta' Absolute illi huma skorretti, u tghid ghalhekk illi mhux minnhu illi fl-2021 saret spezzjoni mill-MFSA. Ssostni illi l-unika spezzjoni li kienet saret kien fis-sena 2019 u s-socji kollha kienu mgharrfa b'dan. Tichad ukoll illi l-bord naqas milli jindirizza rizultanzi komunikati lilu mill-MFSA, u anke ssottomettiet korrispondenza dwar kif indirizzat il-lanjanzi li setghet ressqet il-quddiem l-MFSA. Tghid illi l-kumpannija llum ma hi milquta minn ebda problema ta' governanza. Fuq l-istess linja, ssostni illi l-awditur twaqqaf minn Absolute minghajr ma kien sostitwit.

Tyke issostni illi wara illi saret l-ewwel requisition da parti ta' Absolute, filwaqt illi ma kienx hemm qbil mar-ragunijiet ghat-talba ta' LGS, b'dana kollu il-Bord wiegeb billi sejjah LGS fi zmien 21 jum kif trid il-ligi. Ssostni illi meta sar dan, kien anke maghmul car lil Absolute illi l-kumpannija ma kelliex problema ta' governanza, izda dan Absolute hassritu mill-korrispondenza taht il-pretiz ta' kunfidenzjalita'.

Dwar id-data proposta u ffissata tad-29 ta' Marzu 2024 ghall-LGS, Tyke tghid illi mhemm xejn irregolari f'dan, wara illi saret laqgha generali annwali f'April 2023 u ma hemm ebda urgenza ghall-laqgha ohra. Tghid inoltre` illi r-rizoluzzjoni proprosta ghall-LGS hija katastrofika ghall-kumpannija, fl-ewwel lok peress illi tipproponi t-tnehhija tad-diretturi prezenti izda ma tipproponi ebda sostituti ghalihom, u fit-tieni lok peress illi ai termini tar-remediation plan, gja kien hemm diretturi approvati mill-MFSA u ghalhekk ir-rizoluzzjoni mressqa minn Absolute twaqqaf ir-*remediation plan* u tpoggi f'riskju l-operat tal-kumpannija u r-reputazzjoni taghha.

Tyke tghid illi huwa stramb kif socju (Absolute) illi ghal tant snin agixxa ta' *sleeping shareholder*, issa qed jittenta mizuri suspettuzi u dubbjuzi, adirittura b'urgenza, illi jistghu biss jippregudikaw l-operat tal-kumpannija. In ogni caso, issostni illi l-Bord aderixxa mal-Artikolu 129(3) tal-KAP 386 u sejjah laqgha fi zmien 21 jum minn meta

saret it-talba. Issostni ghalhekk illi l-Bord mexa sewwa kemm mal-ligi u kif ukoll mal-Artikolu 36 tal-Istatut.

Tyke ssostni illi ma hemm ebda urgenza ghaz-zamma ta' LGS u ix-xoghol li sar mill-kumpannija fl-ahhar zmien qed jigi evalwat mill-MFSA u jekk ikun hemm tibdil, aktarx dan jimpatta negattivament fuq il-process.

Finalment Tyke tghid illi ma jikkonkorrux l-elementi li trid il-ligi (Art. 132(1)) biex titlaqa' t-talba maghmula, ghaliex il-laqgha giet in effetti msejjha skond l-istatut u l-ligi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fir-Risposta taghha, il-kumpannija EM@NEY p.l.c (fol 86) tghid illi Absolute kienet dejjem *sleeping shareholder*, u meta fis-sena 2019 saret spezzjoni mill-MFSA, is-socji kollha kienu mgharrfa u Absolute baqghet inattiva.

Issostni illi hija laqghet ghall-lanjanzi kollha li seta' kellha l-MFSA u l-FIAU, tant illi din tal-ahhar irilaxxjat certifikat posittiv. Hija kkonfermat hafna minn dak li rrispondiet Tyke, u kkonfermat illi meta il-kumpannija kienet qed tamministra mas-60 miljun Euro f'fondi tal-klijenti, kien mehtieg illi ma jkunx hemm agir irresponsabbli li jistghu jwasslu ghal sitwazzjoni katastrofika.

Dan inghad peress illi l-kumpannija ssostni illi dak li qed tittenta Absolute ser iwassal ghal nuqqas ta' kontinwita' fejn jitnehha il-persuna li bena' l-kumpannija u mexxiha il-quddiem u minflok tissostitwih bix-xejn.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mix-xhiedha mressqa mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti fatti bhala rilevanti ghall-vertenza odjerna.

**Rosario Fiorentino**, prodott minn Absolute, jispjega illi huwa ghandu sfond legali u ilu jahdem fis-settur finanzjarju ghal 25 sena. Jghid illi Oriana Mortisanti, direttur ta' Absolute, kienet kellmitu biex jara x'kien ghaddej fil-kumpannija.

> *Basically to understand what was going on in the company because they had not specific competence in the financial sectors so they are not technicians of the financial sectors*.

Jghid illi Absolute talbitu jifforma grupp tajjeb ta' diretturi li l-MFSA tkun tista' tapprova, u identifika lilu nnifsu u zewg persuni ohra, Gianfranco Vento u Massimo Famularo. Jghid illi ghamlu hafna xoghol preparattiv sabiex jissottomettu isimhom lill-MFSA ghall-approvazzjoni taghhom. Jghid pero` illi hemm l-intopp illi ma saritx il-LGS u ghalhekk il-process mal-MFSA ma jistghax jkun komplut.

Jispjega illi huwa ma ghadux kwisjtoni dwar id-data proprosta ghall-LGS ta' Marzu 2024 ghaliex hu semplici direttur nominat.

Huwa jikkonferma illi l-kumpannija kellha *accumulated dividends* fl-ammont ta' 1.2 jew 1.3 miljun Euro u kien ukoll f'posizzjoni illi jikkonferma illi waqt il-laqgha generali annwali kien gie approvat, inkluz minn Absolute, illi ma jkunx hemm dividends moghtija lis-socji. Jikkonferma ukoll illi bir-regolamenti, il-kumpannija trid izomm fondi fl-ammont ta' 2% tal-flejjes tal-klijenti taghha, li ighid jammontaw ghal madwar 55 miljun Euro.

Huwa jikkonferma ukoll illi mid-dokumentazzjoni tal-kumpannija, ma jirrizultax illi Oriana Mortisanti investiet aktar mis-share capital originali li harrget. Jikkonferma ukoll illi appena tghaddi ir-rizoluzzjoni proposta minn Absolute, jiskatta process mal-MFSA biex jkun kostitwit Bord tad-Diretturi gdid.

**Oriana Moltisanti**, prodotta minn Tyke, tghid illi l-investiment taghha fil-kumpannija huw al-unika investiment li hi ghandha. Hi tghid illi qatt ma kienet direttur tal-kumpannija u kienet dejjem f'komunikazzjoni imma qatt partecipi fl-amministrazzjoni tal-kumpannija.

| | |
|---|---|
| ***Qorti***: | *Where you directly involved in the company over the past ten years?* |
| ***Xhud***: | *I was in communication but not administration.* |
| | |
| ***Qorti***: | *What do you mean by communications?* |
| ***Xhud***: | *We had multiple meetings and communications with my partner which is also the CEO so obviously we have exchanged some important information how the company was being managed and directed.* |

Tghid illi kellha fiducja fis-socju l-iehor, Germano Arno, li huwa ukoll direttur, u tghid illi kienet tistenna illi jmexxi b'mod illi ma jkunx hemm problemi regolatorji. Kien ghalhekk illi hija ma kinitx wisq attiva f'din il-kumpannija. Tghid izda illi fis-sena 2019 meta giet imposta multa mill-FIAU u wara meta saret l-ispezzjoni tal-MFSA, hija bdiet tara illi kien hemm affarijiet illi ma kienux sewwa. Tispjega illi kien hemmek illi bdiet tithasseb mill-operat ta' Arno.Tispjega illi mbaghad bdiet tesperjenza riluttanza da parti ta' Arno li jghaddilha informazzjoni u fehmet illi kien wasal iz-zmien illi bhala socju maggoritarju, tiehu azzjoni konkreta.

> *I feel like to exercise my role to take over and had somebody else which is not a shareholder, it is not me and not my partner that takes over the board of directors and make a straight line especially regarding the authority for the benefit of the name of the company.*

Hija tispjega illi ghandha bzonn il-LGS sabiex taghmel dan.

Mistoqsija dwar ir-remediation plan li hadet il-kumpannija, hi tghid illi taf biss bl-ittra tal-MFSA, "*that is what I know, I received the letter and I was not very happy. That is pretty much I know*". Issostni illi l-interess taghha ghal futur tal-kumpannija hu illi trid tikkreja "*a stable company which does not have any shortcomings from the authority and that is has a good standing, relationship with the clients and have good return dividend".*

Finalment tghid illi l-kumpannija illum jidher illi hija stmata fil-valur ta' 3 miljun Euro.

**Daphne Muscat**, Senior Analyst Fintech Supervision fi hdan l-MFSA, mistoqsija dwar il-procedura adottata mill-MFSA meta tigi biex tapprova diretturi fuq kumpannija, istituzzjoni finanzjarja bhal EM@NEY, qalet illi

> *Mela bħala approvals, il-financial institutions tkun approvata mil-MFSA, trid tisubmitja l-PQ tal-applikant li ħa jkun id-direttur. Flimkien mal-PQ u mas-supporting documentation trid tisubmitja ukoll l-ISA, li hija l-involvement suitability assessment.*

Tghid ukoll illi mad-dokumentazzjoni li l-kumpannija trid tissottometti, huwa mehtieg ukoll illi jkun hemm l-minuti ta' Bord meeting jew ta' Laqgha Generali.

Tispjega ulterjorment illi meta l-MFSA tkun qed taghmel il-valutazzjoni taghha dwar id-diretturi proposti, *……. hemm proċess sħiħ apparti mill-affarijiet li naraw min lat ta' supervision hemm ukoll id-due diligence. Ovjament irid ikun hemm commitment, conflict of interest, competence u hemm criteria oħra. This is all public biex niftemu. So we assess the proposed individuals based on these. Apparti min hekk hemm ukoll due diligence, hemm ukoll l-ISA li trid tiġi submitted mil-license holder fejn huma jridu jkunu l-ewwel saff biex niftemu, they assess that the individual is competent and so on. Kif ukoll li ma jkunx hemm problemi from his proposals.*

Ix-xhud tikkonferma illi l-MFSA kienet irceviet mill-kumpannija *2 PQ's, one for a chairperson and one for and NED* u *kif ukoll irċivejna 3 PQ's on the other UBO*, li aktar tard tidentifika bhala Oriana Mortisanti.

Mistoqsija x'inhuma r-rekwiziti biex financial institution topera, hija tirrispondi hekk:

***Xhud**:* *Ovjament għandha legal obligations under the financial institutions act. Umbgħad Barra min hekk fil-financial institutions act, l-FIA issemmi ukoll li there has to be 2 individuals that effectively direct the business from Malta. Apart from that irid ikun hemm robust governance structure within the institutions. Ovjament apparti min dawn hemm iktar affarijiet u dawn huma l-iktar punti ewlenin u għalhekk it comes to become licensed.*

***Av. Fiorentino**:* *Jiġifieri diretturi ikunu tnejn tal-inqas preżenti Malti.*

***Xhud**:* *Eżatt. Il-board of directors irid ikun ibilanċjat, balanced board of directors.*

***Av. Fiorentino***: *allura jekk kumpanija bħal din tispiċċa bla Diretturi x' jiġri, xinhuma l-konsegwenzi?*

***Xhud***: *fuq din ma nistax nikkometti għal answer għax ovjament din ma tiġix biss min naħa tiegħi imma iridu nidiskutuha bħala function. Imma meta jkollok institution li ma jkollix robust governance structure jew ma hemmx effective board in place there needs to be some action taken.*

Dwar is-shortcomings li l-MFSA kienet sabet fir-rigward tal-kumpannija, ix-xhud tikkonferma illi dawn gew identifikati f'Mejju 2021 u sa' Dicembru 2022, kienu ghadhom ma gewx indirizzati kollha. Dwar ir-review process tad-diretturi nominati minn naha jew minn ohra, ix-xhud tghid hekk:

> *Bħala review process ma bediex għal kollha just ħabba l-fatt li ovjament ħabba din is-sitwazzjoni bħala Awtorita iridu naraw x' ħa jiġri. Issa jien nixtieq nikkumenta li bħala Awtorita we do not want to be included jew inkella we entertain any discussions or so on fuq dawn l-affarijiet għax dawn huma business decisions tal-institutions and they do not deal with the authority. Jiġifieri dejjem żammejna pożizzjoni newtrali.*

Tispjega ukoll illi financial institution trid taderixxi ruha ma' 3 lines of defence, *għandek il-business bħala first line, għandek ukoll il-compliance umbgħad on the third line għandek l-audit function.*

Finalment ix-xhud tikkonferma kemm il-fatt illi sal-llum il-kumpannija ghadha minghajr internal audit u kif ukoll illi sa Marzu 2023 kien hemm pjan fattibbli sottomess mill-bord tad-diretturi presenti tal-kumpannija sabiex tkun ghal kollox regolarizzata u li kien gie komunikat lill-MFSA.

Xehed finalment ukoll **Germano Arno**, direttur u CEO tal-kumpannija sa mis-sena 2012 u kif ukoll sid ta' Tyke li tippossedi 25% tal-ismha tal-kumpannija. Jispejga illi ghandu esperjenza vasta fis-settur finanzjarju u li l-kumpannija hija tieghu ukoll u allura jinvesti hafna hin fiha.

Mistqosi kif jikkonunika ma' diretturi u ufficjali ohra tal-kumpannija, ighid *I communicate with each person Oriana told me at the time to speak with. In the past was Oriana, then Oriana probably for other reasons is not interested in the company. In the second step it was the brother of Oriana and now from one year more or less I speak with Malandrino. But, I speak everything with Malandrino but I try to speak with Oriana in some reason, and Oriana responded me for example when there is something to pay because we normally, Oriana asks as to pay something for her and we ask if they need to know if there is something they want to know but she is never interested in the*

*company. Now from January of this year Malandrino tried to ask something that we give correct that we does but the most important thing Judge is that we asked her more instances to come into the company and to see what they want. In the email there are lots of things and I can probably see. They do not come, in fact they do not know various things of E-money.*

Ix-xhud jaghti ftit sfond dwar l-istorja tal-kumpannija u ighid *this company born because it was as an experience that we wanted to try because it was very hard to start from 0, and I mean 0 and then to have our company. We have this idea with the partner and we start to try to became this investment something really interesting what is today. We start with around 400 thousand and now the company has around 3 million. I think that it is a good investment. I make profit every year, does not have problem with MFSA and we know what happened with the Grey-listing and with FIAU in Malta. Yes we had a fine but we discussed everyday because it was a problem with FIAU and I tried to resolve. I put FIAU in a position to understand that we were right, in fact we asked to make another report to us directly from FIAU official. We received it last week and it was fantastic.* (Il-Qorti hadet konjizzjoni tad-dokument pprezentat DOK GA2 li jibqa' ssiggillat).

Fir-rigward tal-MFSA, huwa ighid illi kien hemm erba' punti ta' rettifika, u indirizzhom kollha, mhux lanqas l-kwistjoni tad-diretturi.

> *I proposed new director because they said it is not good and we proposed immediately a new one because it was very difficult because if the old was not good we tried to find someone, found 2 that they are independent, Mr. Jaccarini and Mr. Jones and we have immediately proposed, we have asked obviously to respect the procedure the PQ we have asked to other shareholder. We make a resolution, with it we make an assessment and we have big procedure, obviously because we need to check a lot of things. This person and we need and use a lot of intelligence for these things. We transmit these to the MFSA.*

Jispjega illi dawn iz-zewg diretturi kienu approvati mis-socji kollha tal-kumpannija izda l-MFSA ghadha ma approvathomx peress illi issa s-socju l-iehor (Absolute, ad insaputa tieghu, kien qed jipproponi tlett diretturi ohra u l-process ghadu pendenti. Jghid illi Absolute kienet qed titlob ghall-LGS proprju sabiex tnehhi lilu u tapprova dawn it-tlett diretturi godda.

Jghid illi llum il-kumpannija ghandha bejn 50 u 60 miljun Euro ta' flus in-nies, b'madwar 20,000 klijent. Il-kumpannija llum ghandha madwar 30-40 impjegat f'Malta. F'dan il-kuntest ighid illi l-kumpannija ma tistghax tieqaf topera mis-suq mqarr ghal gurnata wahda, ghaliex l-effetti fuq il-kumpannija jkunu katastrofici.

Jghid illi l-bidla tad-diretturi ma ssirx mill-llum ghal ghada, ghaliex apparti l-process tal-MFSA, hemm il-bdil tal-firmatarji mal-Banek etc.u ghalhekk esprima *l-biza' illi these are the reasons that the company can close in 5 minutes. If there is not the director*

*the MFSA as we just asked for Daphne Muscat, if there is a director in the financial institution the company was closed from there and the license was probably retired.*

Jikkonferma illi la hemm u lanqas qatt ma kien hemm problema biex kwalsiasi socju jara l-*board minutes* u jsostni illi huwa halla ghaxar xhur sabiex isehh il-LGS peress illi jrid jassikura illi ma jbaghtux il-klijenti u lanqas l-investiment tieghu. Jispjega ukoll illi flimkien mad-direttur l-iehor Papolla wasal ghall-perjodu ta' 10 xhur zmien sabiex issir il-LGS kien minhabba dak kollu li hemm bzonn illi jsir, *MFSA , director, Bank….. to organise the other shareholder to ask correctly the continuity plan procedure for imagine the change.* Jghid *it is an estimation with respect to the period of the MFSA, the medium time for due diligence in all banks that I involved, it is an estimation.*

Jenfasizza illi *if there is no director, the company would close in 5 minutes…… without director the company cannot stay open and the license would be revoked.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-<u>sottomissjonijiet finali tas-socjeta` rikorrenti</u>, il-Qorti tislet is-segwenti.

Isosstni illi fil-kaz tal-kumpannija, li hija kumpannija regolata, hemm hafna checks and balances, u hemm l-first 3 lines of defence, (a) il-persuni li qed jidiljaw mal-klijenti li huma l-first line, (b) is-second line għandek ir-risk l-*compliance function* u (c) it-third line, l-internal audit li huwa separat mil-external audit. Issostni illi dawn huma kollha important biex il-kumpannja tibqa' tajba.
L-abbli difensur tas-socjeta` rikorrenti tratta estensivament dwar ghaliex is-socju maggoritarju tal-kumpannija tilef il-fiducja fid-direttur attwali u thoss illi gahndha tibdlu. Sostna illi Moltisanti ghandha dritt illi ssejjah LGS u ghandha dritt ukoll illi tbiddel id-diretturi tal-kumpannija. Jghid illi mhux accettabbli illi l-Bord attwali ta perjodu ta' 10 xhur biex tissejjah il-LGS.

Isostni illi Absolute mxiet ma' dak mitlub minnha, ghamlet l-ewwel requisition ai termini tal-Artikolu 36 tal-Istatut u ghaddiet sabiex ghamlet talba ai termini tal-Artikolu 129 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, kif anke stipulat fl-istess Statut. Jsostnu illi l-kelma "minnufieh" fl-istess Artikolu jfisser illi d-diretturi ma setghux jsejjhu laqgha ghal 10 xhur wara, imma kellu jkun terminu ferm aktar ragjonevoli.Jghidu isibu sostenn ghal dan meta fis-sub-artikolu 3 tal-istess artikolu il-ligi tipprefiggi, f'cirkostanza differenti veru, terminu ta' tlett xhur massimu.

Absolute ghalhekk isostnu illi l-bord tad-diretturi attwali approfitta ruhu minn lacuna illi hemm fil-ligi, fis-sens illi l-Artikolu 129(1) jghid illi l-laqgha ghandha tigi msejjha minnufieh minghajr ma taghti termini precizi.

Absolute issostni illi jekk il-LGS tinzamm meta msejjha, allura ir-rizoluzzjoni li ghandha titressaq f'dik il-laqgha issir superfluwa, u dana peress illi fi tmien xhur il-kumpannija tista' "*tahbat gol-hajt*".

Absolute issostni illi l-ligi taghti l-poter lid-direttur isejjah il-LGS fuq talba ta' socju – u dak il-poter ma ghandux jkun abbuzat u jirreferu ghal dak li ighid l-Artikolu 136A tal-KAP 386, li certament ma jippermettix abbuz da parti ta' direttur. Abbuz, isosstni Absolute, illi jkompli jiggrava meta wiehed iqis l-izbilanc fid-drittijiet tad-diretturi meta komparati ma' dawk tas-socji.

Issostni illi hemm bzonn l-intervent tal-Qorti u ghalhekk irrikorriet ghal dawn il-proceduri. Issostni illi l-ligi taghti bizzejjed diskrezzjoni lill-Qorti anke jekk il-kliem tal-ligi huwa limitat, biex isehh il-LGS, indipendentament minn jekk tghaddix ir-rizoluzzjoni jew le. Issostni illi fuq kollox l-Artikolu 132 tal-KAP 386 jghid illi l-Qorti tista' taghti dawk id-direttivi ancillari u konsegwenzjali illi jidhrilha xierqa.

L-abbli difensur tas-socjeta' rikorrenti jaghmel accenn ukoll ghal mod kif intbiddlet il-ligi Ingliza, li fuqha hija mudellata taghna, u ighid ill illum, jekk il-Bord tad-Diretturi they convene the meeting imma għal perjodu ta' aktar min 28 days mela hemm preżeunzjoni li ma ngħajjatx.

Jsostni illi l-Qorti mhix tintalab tissosstitwixxi ruha ghall-organi tal-kumpannija, izda qed tintalab tirriprestina l-bilanc bejn l-istess organi.

<u>Tyke</u> minn naha taghha ssottomettiet illi din l-azzjoni hija mehuda ai termini tal-Artikolu 132 u huwa fil-kuntest ta' dan l-artikolu illi ghandha tigi determinata. Jsostni, l-abbli difensur ta' Tyke, illi ma jissussistux l-estremi kontemplati fl-Artikolu 132 biex tirnexxi din l-azzjoni.

Minn qari tal-ligi, issostni Tyke, wiehed jiddeduci illi biex tiskatta l-applikabilita' ta' dan il-provvediment tal-ligi, iridu jissussistu wahda minn zewg xenarji – jew (a) għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew (b) li ma jkun prattikabbli illi jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att. Issostni illi fil-kaz odjern ma

hemm ebda wiehed minn dawn iz-zewg xenarji – ma hemmx l-impossibilita' li tissejjah LGS, anzi ssostni illi din effettivament ssejhet.

Tyke ssostni illi l-iskop tal-Artikolu 132 huwa illi jaghti rimedju stra-ordinarju u eccezzjonali, fis-sens li fejn hemm shareholder li huwa verament daru mal-ħajt irid isejjaħ general meeting u ma jistax il-Liġi ttih dan id-dritt.

L-abbli difensur ta' Tyke jikkontendi illi l-Qorti ma għandiex tissostitwixxi ruħa għall-operat tal-organi tal-kumpanija fil-kuntest ta' din il-proċedura. Lanqas ma għandha issolvi jew tiddeċidi xi disputa li hemm bejn l-azzjonisti.

Tyke ssostni illi anke jekk kien hemm xi nuqqasijiet regolatorji, illum hemm certifikati tajbin. Isostni illi huwa ovvju illi wara l-LGS li ser tissejjah, Arno ser jithenna minn direttur u z-zewg diretturi maqbula u li isihom inghata diga' lill-MFSA mhux ser jibqghu jigu kkunsidrati. Isostni illi appena tghaddi ir-rizoluzzjoni kif inhi ser jinholoq *vacuum* fejn il-kumpannija tispicca minghajr diretturi. Issostni illi hija ghandha investmiment x'tipprotegi u ma tridx sitwazzjoni katastrofika ghall-kumpannija. Tyke issostni illi l-Bord mexa' mal-ligi anke meta qed jipproponi id-data tal-LGS is-sena d-diehla.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Maghmula l-konsiderazzjonijiet kif hawn fuq msemmi, il-Qorti sejra tibda' biex taghmel referenza specifika ghall-Artikolu 132 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta li ighid espressament hekk:

> (1) *Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-qorti tista', jew minn rajha jew fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti waqt dawk il-proċedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi proċedimenti, fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpanija jew ta' xi membru tal-kumpanija li jkollu dritt jivvota fil-laqgħa, tordna li laqgħa tal-kumpanija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jingħata xi ordni bħal dan, tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpanija preżenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.*
>
> (2) *Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll għas-sejħiet ta' laqgħat tal-bord tad-diretturi ta' kumpanija, jekk lill-qorti jidhrilha, li ċ-ċirkustanzi jitolbu li tittieħed azzjoni bħal dik.*

Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, is-sub-inciz (2) huwa irrelevanti.

Il-Qorti tibda' biex tghid illi ftit illi xejn huma l-kazijiet illi ttrattaw dan il-provvediment tal-ligi, u filwaqt illi l-abbli difensuri tal-partijiet ghamlu referenza ghall-kazijiet izolati, kif minnhom stress jintqal, il-fatti speci ta' dawk il-kazijiet kienu diversi u differenti ghall-fatti speci illi jiccirkondaw il-kaz odjern.

Issir referenza ghal kaz **P.M.S. Holdings Limited (C4146) vs X**[2], fejn il-Qorti rreferiet ghall-Artikolu de quo u qalet hekk:

> Il-mudell ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 kienet Sec 371(1) tal-Companies Act Ingliza 1985, li llum saret Sec 306 tal-Companies Act Ingliza 2006. Tajjeb jinghad illi fil-ligi Ingliza ma kienx hemm disposizzjoni bhall-Art 132(2) taghna. Infatti fil-ligi Ingliza s-setgha tal-qorti hija limitata ghall-convening of general meetings mhux ghal meetings of the board of directors.
>
> Fil-Pag 1427-1428 ta` **Principles of Maltese Company Law (Second Edition – Volume Three – 2019 – MUP) Andrew Muscat** ighid hekk b`riferenza ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 –
>
> *General meetings may also, in particular circumstances, be convened, held and conducted as directed by the Civil Court. The court may exercise this power if, for any reason, it is impracticable (i) to call a meeting of a company in any manner in which meetings of the company may be called or (ii) to conduct the meeting in the manner prescribed by the articles or the Companies Act. The court should be entitled to direct that a meeting be held when it is impossible to hold a general meeting because of the persistent absence of a quorum at general meetings. The court should not however direct that a meeting be convened simply because the directors had rejected a request by a member to call a meeting. Nor should the court use its powers to overcome a deadlock in the company`s affairs where the deadlock is the result of a deliberately created parity of votes between two members. Indeed the legislative provision is designed to empower the court to ensure that meetings are held but not to alter the result that is likely to follow from that meeting. Where however the provisions of the articles are cynically exploited by some shareholders to block an effective meeting, the court should be able to exercise its powers. The court may exercise its power*

[2] 9/2018JZM – 28.01.2021

*either (i) on its own motion or on the demand of either of the parties to proceedings before it during the course of such proceedings, or (ii) in the absence of such proceedings, on the application of any director of the company or of any member of the company who would be entitled to vote at the meeting. The court may order that the meeting be called, held and conducted in such manner as it thinks fit, and it may, whenever any such order is made, give such ancillary or consequential directions as it thinks expedient, including a direction that one member of the company present in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

Fil-Pag 1148, l-istess awtur ikompli jikteb hekk :-
*Where a general meeting is convened by the court under the powers conferred on it by the Companies Act the court may notwithstanding any provision in the articles of association direct that one member of the company present or in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

L-Artikolu 306 tal-UK Companies Act 2006 (kif emendat) jaqra hekk:

***306 Power of court to order meeting***

*(1) This section applies if for any reason it is impracticable—*

*(a) to call a meeting of a company in any manner in which meetings of that company may be called, or*

*(b) to conduct the meeting in the manner prescribed by the company's articles or this Act.*

*(2) The court may, either of its own motion or on the application—*

*(a) of a director of the company, or*

*(b) of a member of the company who would be entitled to vote at the meeting,*

*order a meeting to be called, held and conducted in any manner the court thinks fit.*

*(3) Where such an order is made, the court may give such ancillary or consequential directions as it thinks expedient.*

*(4) Such directions may include a direction that one member of the company present at the meeting be deemed to constitute a quorum.*

> *(5) A meeting called, held and conducted in accordance with an order under this section is deemed for all purposes to be a meeting of the company duly called, held and conducted.*

Fil-kaz **Paul Cauchi (KI 299860M) vs X**[3]**,** din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk, tirreferi ghall-Artikolu 132(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkwota lill-Profs Andrew Muscat (hawn fuq gja kkwotat) u tghid:

> ***L-iskop ta` disposizzjoni ta` din ix-xorta huwa l-ahjar interess tal-kumpannija.***

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi dan kollu maghdud, il-Qorti sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Il-Qorti tifhem illi l-legislatur ried illi hija tuza d-diskrezzjoni taghha u tattwa u tapplika l-Artikolu 132 tal-KAP 386, meta jkun hemm wahda minn zewg cirkostanzi, cioe`, jew

(i) *Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija*

<u>jew</u>

(ii) *Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att*

Issa l-Qorti tqis illi fejn tirrizulta mqarr wahda minn dawn iz-zewg xenarji, il-Qorti tista', minn rajha jew fuq talba li ssirilha, tordna li *laqgħa tal-kumpanija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq.*

Finalment, il-Qorti tifhem illi jekk u meta taghti ordni bhal din, hija *tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpanija preżenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.*

Mela qabel xejn, il-Qorti sejra tikkonsidra jekk kemm il-darba, mill-fatti li ghandha quddiemha, hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-diskrezzjoni taghha fil-kuntest u r-rimedju moghti minn dan il-provvediment.

Jibda' biex jinghad illi l-ewwel xenarju kontemplat ma jissussistix. Fil-kuntest tal-provi mressqa kif hawn fuq elenkat, ma jista' qatt jinghad illi mhux prattikabbli illi tissejjah laqgha, f'dan il-kaz, il-LGS kif mitluba minn Absolute. Dan ghaliex, in effetti, il-laqgha ssejjhet. Mhux biss, izda l-Qorti ssib illi l-laqgha ssejjhet bil-mod li bih jistghu jissejjhu

[3] 7/2018JZM – 26.02.2019

laqghat tal-kumpannija. Ghaldaqstant, tqis illi dan ix-xenarju kontemplat mill-ligi ma jissussistix, u b'hekk, limitatament fuq hekk, il-Qorti ma tistghax takkolji t-talba.

Izda il-ligi tikkontempla it-tieni xenarju, *jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att.*

Il-Qorti ghalhekk tifhem illi l-ligi trid illi jkun ezaminat jekk tistax titmexxa, jekk hux prattikabbli illi titmexxa, il-laqgha bil-mod kif stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att.

Il-Qorti tqis illi bhala fatt, kif gja stabbilit, il-LGS mitluba minn Absolute giet fil-fatt msejjha u skedata ghal Marzu 2024. Absolute jikkontestaw dan it-tul ta' zmien. Huwa pacifiku jinghad illi la fl-istatut u lanqas fil-ligi ma jirrizulta xi provvediment illi jistipula massimu ta' zmien li fih il-laqgha trid tinzamm.

Tqis ukoll illi meta il-legislatur uza l-kliem "*ma jkunx prattikabbli jitmexxew il-laqgha ta' din il-kumpannija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att*", il-legislatur ma kienx qed jirreferi limitatament ghat-tmexxija tal-laqgha, tas-seduta per se. Dak ukoll, imma mhux biss. Il-Qorti sejra tqis il-process b'mod holistiku. Mis-sejha, ghad-determinazzjoni tad-data tal-laqgha, ghax-zamma tal-laqgha nnifisha. Ghall-Qorti, dan huwa process wiehed maqsum fi tlett fazijiet, imma process shih intiz biex tinzamm laqgha tal-kumpannija, u mhux ser tispezzetta, ghall-finijiet ta' dan l-ezami, il-laqgha nniffisha mill-process li jwassal ghal dik il-laqgha.

Filfatt, il-ligi tghid espressament illi direttiva tal-Qorti isservi biex *tissejjaħ, tinżamm u titmexxa* laqgha tal-kumpannija u allura jkun altru milli f'loku illi il-Qorti tqis il-process fl-intier tieghu, mit-talba ghaz-zamma tal-laqgha sat-tmien tal-istess laqgha.

Huwa ghalhekk illi, fil-kaz in ezami, il-perjodu moghti ta' ghaxar xhur sabiex tinzamm il-laqgha mitluba minn Absolute, din il-Qorti ser tiskrutinah u ser tuza' d-diskrezzjoni taghha fl-applikabilita` o meno tal-Artikolu de quo. Imma l-Qorti hija xorta wahda limitata fl-uzu tad-diskrezzjoni taghha, limitata biex tara biss jekk dan il-process hux prattikabbli bil-mod stabbilit bl-istatut jew bil-ligi.

Din il-Qorti dejjem qalet illi huwa interess primarju taghha illi fid-decizjonijiet taghha u fl-applikazzjoni tal-ligi hija dejjem thares, fil-kuntest tal-interessi tal-partijiet, ukoll l-interessi tal-kumpannija. Jizdied jinghad, illi dan ghandu anke jkun l-interess primarju, anzi, ewlieni ta' kull ufficjal ta' kull kumpannija. Mhux lanqas, anzi, aktar u aktar, meta tkun kumpannija pubblika bhal din in ezami u regolata b'licenzji specifici peress illi taghmel operazzjonijiet regolati b'mod strett bil-ligijiet taghna.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti semghet kemm ir-ragunijiet ghaliex Absolute thoss illi d-data tal-laqgha kif skedata hija l-boghod wisq, u kif ukoll ir-ragunijiet tal-Bord tad-Diretturi ghaliex huwa mehtieg dan iz-zmien. Il-Qorti semghet ukoll il-provi dwar l-istat attwali tal-kumpannija u l-problemi li ghandha u/jew kellha mal-awtoritajiet regolatorji. B'dawn il-provi quddiemha, il-Qorti thoss illi ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet.

Minn dak li jirrizulta f'dawn l-atti, il-Qorti ma ghandiex pre-okkupazzjoni illi l-kumpannija tinsab f'qaghda hazina jew f'xifer ta' problemi li ma jistghux jissolvew. Lanqas ma jirrizulta illi ghandu jkun hemm xi biza' li s-socji taghha u l-investiment minnhom maghmul huwa pregudikat. Kif lanqas ma jirrizulta illi l-kumpannija ghandha xi

diffikultajiet fir-rigward tal-klijent tagħha. Anzi jirrizulta illi l-klijenti jidhru ben protetti, illi l-awtoritajiet regolatorji qed jirrikonoxxu l-hidma illi saret mill-kumpannija sabiex hija tottempra ruha mal-ligi fejn kien hemm nuqqasijiet, illi l-kumpannija kibret u l-valur taghha kiber maghha u li minkejja illi seta' kien hemm problem u materji illi l-kumpannija affaccjat tul is-snin mal-awtoritajiet regolatorji li llum qed jigu rettifikati, ma jirrizultax illi l-Bord attwali kien qed jagixxi b'mod flagrantament skorrett jew traskurat.

Il-Qorti tqis illi b'dana kollu dan ma jfissirx illi socju ma ghandux jedd jitlef il-fiducja fid-diretturi tal-kumpannija. Dik tibqa' mpregudikata u din il-Qorti b'ebda mod mhi qed tghid illi minn dak ma jirrizulta, Absolute ma ghandiex ghalfejn tbiddel id-diretturi. Dik prerogattiva taghha u l-Qorti ma tidholx fiha.

Dan maghdud, il-Qorti trid taghmel referenza ghall-**Artikolu 136A tal-KAP 386** tal-Ligijiet ta' Malta, li titfa' responsabbilitajiet u oneri precizi fuq id-Diretturi, fosthom illi jagixxu b'onesta' u *bona fide* fl-interess tal-kumpannija u li jippromwovu dejjem il-*benessere* tal-kumpannija. Il-Qorti, minkejja dak hawn fuq maghdud, trid taccenna illi dan l-obbligu jibqa' jissussisti sal-ahhar gurnata anke jekk direttur ikun konxju li ser jinbidel u ghalhekk izomm rizervat id-drittijiet tal-ufficjali l-ohra tal-kumpannija fir-rigward ghal dak li sar fil-passat u dak li ser isir fil-futur sad-data tal-LGS skedata ghal Marzu 2024 fejn hu mistenni li jintemm l-inkarigu tad-diretturi prezenti.

Dan qed isir ukoll peress illi l-Qorti tilqa' s-sottomissjoni maghmula fis-sens illi l-Qorti ma ghandiex tissosstitwixxi ruha ghall-organi tal-kumpannija. Il-Qorti ssib komfort taghmel dan anke fid-dawl tal-fatt, kif hawn fuq diskuss, illi l-Qorti ghandha tintervjeni principalment meta jkun hemm sitwazzjoni fejn il-laqgha mhix prattikabbli li tinzamm jew titmexxa skond l-istatut jew il-ligi. Allura huwa car illi l-legislatur ried illi sakemm ma jkunx hemm raginijiet li jikkonvincu lill-Qorti illi ma jkunx prattikabbli illi l-laqgha timxi mal-istatut (ftehim tal-partijiet) u/jew il-ligi, allura l-Qorti ma ghandiex tintervjeni. F'dan il-kaz, dan ma jirrizultax u huwa ghalhekk illi l-Qorti mhix ser tintervjeni, izda trid temfasizza d-doveri u r-responsabbilitajiet tad-diretturi.

Tenut kont ghalhekk illi ma jirrizultax illi hemm ragunijiet illi jiggustifikaw illi l-Qorti tintervjeni sabiex il-LGS msejjha titmexxa mod iehor minn dak stipulat fl-istatut jew fil-ligi fl-interess tal-istess kumpannija, allura hija sejra tichad it-talba mressqa.

Dan kollu maghdud pero`, il-Qorti tirrikonoxxi illi hemm *lacuna* fil-ligi li forsi jixraq illi tigi indirizzata, fis-sens illi jkun opportun illi l-legislatur jara illi jibbilancja ahjar l-interessi tal-ufficjali kollha tal-kumpannija fil-hidma taghhom fl-ahjar andament tal-kumpannija. B'hekk, jew b'mod generiku jew ghal ragunijiet specifici, bhal per ezempju fil-kaz odjern, meta socju jhoss illi ghandu jbiddel id-diretturi, il-Qorti thoss illi ghandha tigbed l-attenzjoni tal-legislatur sabiex jara u jikkonsidra ghandux jintroduci perjodu massimu, per ezempju ta' tlett xhur, li fih tkun trid, mhux tissejjah, imma tinzamm il-laqgha mid-data tat-talba maghmula. Ghal dan il-ghan, il-Qorti ser tkun qed tordna illi kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-President tal-Kamra tad-Deputati, lill-Ministru responsabbli mis-socjetajiet kummercjali u lill-MFSA.

**GHALDAQSTANT, il-Qorti, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, tqis illi ma jissussistux l-elementi rikjesti mill-Artikolu 132 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex hi tintervjeni, u ghalhekk tghaddi biex tichad it-talba.**

Il-Qorti qed tordna illi a spejjes tar-Registratur tal-Qorti, minghajr dewmien, l-istess Registratur jibghat kopja ta' din id-decizjoni lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, lill-Ministru responsabbli mis-socjetajiet kummercjali u lill-MFSA.

Bl-ispejjes ghas-socjeta` rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**